A.L. 171 ta' l-1990

ATT TA' L-1984 DWAR L-ORGANIZZAZZJONI NAZZJONALI TAT-TURISMU

(ATT NRU. XXI TA' L-1984)

Regolamenti ta' l-1990 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kontribuzzjonijiet għall-Organizzazzjoni Nazzjonali tat-Turismu

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 16 ta' l-Att ta' l-1984 dwar l-Organizzazzjoni Nazzjonali tat-Turismu, il-Ministru għall-Iżvilupp Terzjarju bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1990 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kontribuzzjonijiet għall-Organizzazzjoni Nazzjonali tat-Turismu, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1984 dwar il-Kontribuzzjonijiet għall-Organizzazzjoni Nazzjonali tat-Turismu, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 64 ta' l-1984.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1989.

Jemenda l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Fil-paragrafu A ta' l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, minflok dak kollu li jinsab fil-partita "i. LUKANDI" tagħha għandu jidħol dan li ġej:

L-Ewwel Kolonna		*It-Tieni Kolonna*
"i. LUKANDI		
Ħames Stilel	(*****)	Lm3.50 kull sodda tal-wieħed
Erba' Stilel	(****)	Lm3.00 kull sodda tal-wieħed
Tliet Stilel	(***)	Lm2.00 kull sodda tal-wieħed
Żewġ Stilel	(**)	Lm1.00 kull sodda tal-wieħed
Stilla Waħda	(*)	Lm0.50 kull sodda tal-wieħed
Mhux Klassifikata		Lm2.00 kull sodda tal-wieħed".